TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Lisa u Anthony Abela

vs

Patrick Grech - Patrick Woodworks

CCT 18/20/MS

7 ta' Ottubru 2020

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti fejn talbu lil dan it-Tribunal jordna lil-intimat ihallshom is-somma ta' tlett elef Euro u / jew li jirranga x- xoghol in konnesjoni ma' ghamara ghal kamra tas-sodda maghmul mill-intimat fuq struzzjonijiet taghhom, liema kamra tas-sodda ma saritx skond l-arti u s-sengha, senjatament il-bibien tal-gwardarobba ma jinghalqux, il-mera baqghet ma gietx konsenjata u s-sodda kienet ikbar milli talbu r-rikorrenti.

Ra li l-intimat, debitament notifikat, ma dahalx risposta u lanqas ma deher quddiem dan it-Tribunal biex jaghti l-versjoni tieghu.

Ra l-atti kollha tal-kaz.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi f'Jannar 2019 ir-rikorrenti qabbdu lill-intimat biex jaghmillhom il-kamra tas-sodda. Weghdom li ha jigi ghandhom bejn Frar u Marzu u huma hallsuh depozitu ta' €1,200, pero' beda jgib skuzi sakemm fl-ahhar gie f'Gunju. Skond ir-rikorrent Anthony Abela, meta finalment gew in-nies tal-intimat, ghamlulu xoghol ta' kafkaf. Ix-xoghol ikkumissjonat kien jikkonsisti f'sodda, gwardarobba, zewg komodini u gradenza zghira u dan ghall-prezz ta' €3,000. Ir-rikorrent ighid li gew erbgha minn nies u ghamlu x-xoghol kollu f'gurnata wahda u hallashom dakinhar stess. Pero wara li hallas kollox, induna li x-xoghol ma kienx sar skond l-arti u s-sengha u kien hemm zbalji: bhal per ezempju gwardarobba ma tinfetahx, bibien kienu maqlubin, grif taht it-*top cupboard* u gewwa l-gwardarobba u l-mera baqghghet mhux kunsinjata. Ghalkemm ir-rikorrenti ghamlu xahrejn jigru warajh, dejjem kien jigi bi skuzi. F'Lulju gie t-tifel tieghu u minflok irranga l-gwardarobba ghamel iktar porkerija u l-mera ma gabhiex. Ir-rikorrent qal ukoll illi ghalkemm is-sodda trangat, il-qisien ma kienux jaqblu u kellu jixtri saqqu iehor.

Illi l-konvenut debitament notifikat, m'ghamilx risposta u lanqas ma deher quddiem dan it-Tribunal biex jaghti l-versjoni tieghu, anke meta l-kawza thalliet ghall-provi tieghu. Illi ghalhekk t-Tribunal m'ghandux il-konfort ta' versjoni ohra li tikkontrasta dak li qeghdin ighidu r-rikorrenti, li fic-cirkostanzi hija verosimili u korroborata wkoll mid-dokumenti esebiti. Ghalhekk it-Tribunal hu sodisfatt illi r-rikorrenti rnexxielhom jippruvaw il-kaz taghhom sal-grad rikjest mill-ligi.

Ikkunsidra

Illi b'din l-azzjoni, ir-rikorrenti qeghdin jitolbu lil dan it-Tribunal jordnaw il-konvenut illi jirranga l-oggetti il-kamra tas-sodda illi kienet ikkumissjonata u installata mill-intimat u/jew jirrifondilhom somma ta' flus. Ipprezentaw wkoll stima ta' l-hsarat u tat-tiswijiet illi ghad fadal isiru ~~(DokJW)~~. Skond dan id-dokument il-prezz ta' ~~dawn it-tis~~wijiet, minghar il-VAT jammonta ghal €514.00.

Ikkunsidra

Illi skond l-artikolu 73 tal-Kap 378, kummercjanti ghandhom l-obbligu li jikkunsinnaw lill-konsumaturi oggetti li jkunu konformi mad-deskrizzjoni u l-ispecifikazzjonijiet fil-kuntratt tal-bejgh, u jkollhom il-karatteristici, l-fattizi u l-kwalitajiet tal-oggetti li l-kummercjant jkun wieghed jew wera lill-konsumatur bhala kampjun jew mudell. L-istess artikolu tipprovdi illi l-oggetti ghandhom ikunu adattati ghall-iskop partikolari li ghalih il-konsumatur ikun jehtieghom u li normalment jintuzaw. U jekk l-installazzjoni tkun parti mill-kuntratt u l-oggetti kienu installati mill-kummercjanti jew taht ir-responsabbilta' tieghu, allura kull nuqqas ta' konformità li tirriżulta mill-istallazzjoni mhux tajba tal-oġġetti għandha titqies daqs li kieku kienet nuqqas ta' konformità tal-oġġetti.

Imbaghad, l-artikolu 74 jipprovdi illi ghal kull nuqqas ta' konformita' fl-oggetti li kienet tezisti meta l-oggetti gew ikkunsinnati mill-kummercjant lill-konsumatur, il-kummercjant ikun responsabbli jipprovdi rimedju u l-konsumatur ikollu jedd jew li l-oggetti jingiebu konformi bla ebda hlas billi jissewwew jew jigu rimpjazzati, jew li jircievi hlas lura ta' tnaqqis fil-prezz adattat jew li ssir rexxissjoni tal-kuntratt ghar-rigward ta' dawk l-oggetti.

L-artikolu 76 jipprovdi li l-konsumatur jista' jehtieg riduzzjoni adattata fil-prezz jew li ssir ir-rexxissjoni tal-kuntratt meta l-konsumatur ma jkun jista' jikseb rimedju ta' tiswija jew rimpjazzar, kif ukoll jekk il-kummercjant ma jkunx spicca r-rimedju ta' tiswiija jew rimpjazzar fi zmien ragonevoli.

Illi f'dan il-kaz, jidher car illi ghalkemm l-intimat inghata zmien bizzejjed biex jipprovdi rimedju, dan ma sarx fi zmien ragonevoli u r-rikorrenti ghadhom bil-hsarat iktar minn sena u nofs wara illi kkummissjonaw ix-xoghol.

Ghal dawn il-motivi, jaqta u jiddeciedi illi jilqa' parzjalment it-talba tar-rikorrenti,u jikundanna lill-istess intimat li jhallas lir-rikorrenti is-somma ta' hames mija u erbatax - il Euro (€514.00) kif indikat mill-istess rikorrenti fil-mori tal-kawza. Bl-ispejjes kontra l-intimat.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru